# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum, 2 ta’ Ġunju, 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 357/2023**

**Numru: 17**

**Rosette Fenech, Edgar ~~Fenech~~[1], Mark Anthony Galea, Antoine Galea, Raymond Galea, Myriam Pace u**

**Anthony Galea**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Robert Abela bħala mexxej**

**Tal-Partiti Laburista u L-Avukat Ramona Attard fil-**

**Kapaċita’ tagħha ta’ President tal-Partit Laburista**

**It-tnejn in rappreżentanza tal-istess Partit Laburista.**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie permess u mitlub li:-**

1. *Illi r-Rikorrenti huma l-komproprjetarji tal-enfitewsi temporanja ghaz-zmien rimanenti tal-koncessjoni enfitwetika ta’ mija u hamsin (150) sena li bdiet fis-*

[1] [1]U b’digriet tas-26 ta’ Gunju 2023 l-isem Edgar Fenech ghandu jigi jaqra Edgar Galea

*sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elf tmien mija u tmienja u disghin (1898) tal-art li prezentement qieghda tintuza bhala bitha (bi kmamar fil-parti ta' wara tal-istess bitha, uzati bhala store u kcina) fejn precedentement kien hemm mibni l-hanut numru (5), Misrah Paola, Paola, liema art u kmamar huma ahjar in-dikati fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala* **Dok. A** *(minn issa 'l quddiem il-"**Proprjeta' Okkupata**");*

2. *Illi l-proprjeta' tar-Rikorrenti ddevolviet lilhom mill-aventi kawza taghhom Albert Galea, u dan kif jirrizulta mir-rapport hawn anness bhala* **Dok. B***;*

3. *Illi l-Proprjeta' Okkupata, meta kienet ghadha tikkonsisti fl-imsemmi hanut, giet rekwizizzjonata fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973) minghand l-aventi kawza tar-Rikorrenti, Albert Galea, permezz tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni numru 8149, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala* **Dok. C***, sabiex tigi annessa mal-fond adja-centi ossia l-kazin tal-Partit Intimat;*

4. *Illi b'konsegwenza ta' spluzzjoni li sehhet fis-sena elf disa' mija u tnejn u dis-ghin (1992), l-imsemmi hanut u l-proprjeta' sovrastanti (ukoll proprjeta' tar-rikorrenti) iggarraf u baqa' qatt ma nbena u baqghet okkupata mill-Partit In-timat bhala bitha annessa mal-imsemmi kazin;*

5. *Illi sussegwentement, il-Proprjeta' Okkupata giet soggetta ghall-proceduri kostituzzjonali (Rikors Guramentat numru 81/2016 JRM), fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), permezz ta' sentenza datata t-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn, wiehed u ghoxrin (2021), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala* **Dok. D,** *sabet illi l-imsemmija Ordni ta' Rekwizizzjoni 8149, flimkien mar-rifjut min-naha tal-Awtorita' tad-Djar li tohrog ordni ta' derekwizizzjoni meta giet mitluba, kisret id-drittijiet funda-mentali tar-komproprjetarji tal-fond de quo sanciti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, iddikjarat l-istess ordni ta' rekwizizzjoni bhala nulla u bla effett, u ddikjarat illi l-Partit Intimat ma jistax jibqa' jistrieh fuq l-istess ordni ta' rekwizizzjoni biex jibqa' jokkupa l-Proprjeta' Okkupata. L-imsemmija sentenza ma gietx appellata fit-terminu prefiss mil-ligi u konsegwentement ghaddiet in gudikat;*

6. *Illi ghalhekk, il-Partit Intimat prezentement qieghed jokkupa l-istess proprjeta' ossia l-Proprjeta' Okkupata minghajr ebda titolu validu fil-ligi;*

7. *Illi minkejja dan, u nonostante li gie interpellat diversi drabi mir-Rikorrenti sabiex jivvaka l-Proprjeta' Okkupata, inkluz permezz tal-Ittra Ufficjali 3265/2022 (kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. E****), il-Partit Intimat ghazel li jibqa' inadempjenti u baqa' fil-pussess tal-istess Proprjeta' Okkupata;*

8. *Illi sa fejn jafu r-Rikorrenti, il-Partit Intimat m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jissoleva f'din il-kawza;*

9. *Illi ghalhekk, jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;*

10. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-Rikorrenti;*

11. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha suesposti, ir-Rikorrenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *TAQTA' u TIDDECIEDI l-kawza odjerna a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u cioe bid-dispensa tas-smiegh;*

ii. *TIDDIKJARA li l-Intimat ossia l-Partit Laburista qieghed jokkupa l-proprjeta' precedentement soggetta ghall-Ordni ta' Rekwizizzjoni 8149 ossia l-Proprjeta' Okkupata minghajr ebda titolu validu fil-ligi;*

iii. *Konsegwentement, TORDNA lill-istess Partit Laburista sabiex tivvaka l-istess proprjeta' ossia l-Proprjeta' Okkupata fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-istess Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali numru 3265/2022, kontra l-Partit Intimat, rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti in subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri ghal danni spettanti lir-Rikorrenti, inkluz ghall-okkupazzjoni illegali tal Proprjeta' Okkupata wara l-ordni ta' rekwizizzjoni 8149 giet iddikjarata nulla u bla effett.*

Rat id-digriet tagħha datat 10 ta' Mejju, 2023[2].

Rat li għas-seduta tal-lum resqu membri ta'l-istess partit ukoll li Dr. Elaine Degiorgio li kellha l-patroċinju tal-konvenuti, ammetiet it-talbiet kif dedotti.

Ikkonsidrat

Illi n vista ta' kull nuqqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenuti u wara li rat id-dokumenti kollha lilha esebiti u semgħet trattazzjoni tal-partijiet, taqta u tideċidi billi:-

1. Tideċiedi din ik-kawża bid-dispensa tas-smiegħ u dan ai terminu ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara lil konvenut Partit Laburista qiegħed jokkupa l-projeta', ċioe' il-propjeta' okkupata, soġġetta għal ordni ta' rekwisizzjoni 8149, mingħajr titolu validu fil-liġi.

[2] Folio 30.

3. Tordna lil konvenut Partit Laburista sabiex jivvaka l-istess propjeta' okkupata fi żmien perentorju ta' xahar mil lum.

Bl-ispejjeż għal konvenuti inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 3265/2022 kontra l-Partit Laburista.

**Onor.Imħallef Dr. Miriam Hayman**

**Rita Falzon.**

**Dep.Reg**